Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

478

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-14 ta' Frar, 2018, Rikors numru 238/2018, minn Alfred Govè et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Alfred Govè, żewġ id-*decujus*, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Christopher Govè u Susan Desira, ulied id-*decujus*, fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' Violet Govè, bint il-mejtin Victor Rizzo u Carmelo Rizzo née Kitcher, imwielda Tas-Sliema, kienet residenti Ta' Xbiex, Malta, u mietet San Ġiljan, Malta, fid-9 ta' Ottubru, 2017, ta' 78 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0263439M.

By means of an Application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th February, 2018, Application number 238/2018, by Alfred Govè et whereby they prayed that it be declared open in favour of Alfed Govè, husband of the decujus, and this in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Christopher Govè and Susan Desira, children of the decujus, in equal shares between them the Succession of Violet Govè, daughter of the late Victor Rizzo and Carmela Rizzo née Kitcher, born in Tas-Sliema, resided in Ta' Xbiex, Malta, and died in Saint Julians on the 9th October, 2017, aged 78, holding identity card number 0263439M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

479

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-13 ta' Frar, 2018, Rikors numru 229/2018, minn Gwenn mart Kevin Zammit fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' Jonathan Galea Coppola fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' ommhom Lilian sive Lilly Galea Coppola, legalment separata minn Walter Galea, bint il-mejtin Giovanni Coppola u Maria Vienna née Attard, imwielda l-Belt Valletta, kienet residenti Ħ'Attard u mietet Tal-Qroqq, L-Imsida, fis-26 ta' Jannar, 2017, ta' 83 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0149133M.

By means of an Application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th February, 2018, Application number 229/2018, by Gwenn wife of Kevin Zammit whereby she prayed that it be declared open in her favour and in favour of Jonathan Galea Coppola in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the Succession of their mother Lilian sive Lilly Galea Coppola, legally separated from Walter Galea, daughter of the late Giovanni Coppola and Maria Vienna née Attard, born in Valletta, resided in Ħ'Attard and died in Tal-Qroqq, Msida, on the 26th January, 2017, aged 83, holding identity card number 0149133M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

480

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Frar, 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-28 ta' Frar, 2018, fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 21/2018 JVC ippreżentata minn Richard Harold Reader, residenti Apt 7, The Firs, Triq Bullara, Ix-Xagħra, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 30481A, versus Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Clive Gullifer u lill-assenti Katherine Lennmarker imsemmi f'dan ir-rikors ġuramentat u ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati skont il-liġi sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Clive Gullifer u lill-assenti Katherine Lennmarker, ippreżentata fit-23 ta' Frar, 2018, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-proċeduri intavolati fl-istess ismijiet hawn fuq imsemmija kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

1. Illi permezz ta' att ta' bejgħ datat il-ħmistax (15) ta' Mejju elfejn u tnax (2012), fl-atti tan-Nutar Dr Kristen Dimech, vera kopja ta' liema flimkien mad-dokumenti kollha tiegħu u pjanta tal-post qiegħda tiġi annessa bħala Dok. RR1, ir-rikorrenti xtara mingħand is-soċjetà intimata Caruana & Cini Developments Co. Limited, il-*penthouse* internament immarkata bin-numru sebgħa (7), fil-*condominium* bl-isem 'The Firs', Triq Bullara, Ix-Xagħra, Għawdex, flimkien mal-arja sovrastanti għaliha, hekk kif suġġetta għal servitujiet attivi u passivi favur is-sidien tal-appartamenti l-oħra fil-condominium.

2. Illi dan il-bejgħ sar bil-patt u l-kundizzjoni, fost oħrajn, illi "*no air-conditioning units belonging to the apartments below may be installed on the roof of the penthouse which units may be only installed in the area shaded in green on the same plan document 'A3' which area refers to roof*

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated the 28h February, 2018 the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 28th February, 2018 in the records of the Sworn Application bearing number 21/2018JVC in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, upon an application filed by the applicant Richard Harold Reader, residenting Apt 7, The Firs, Triq Bullara, Xagħra, Gozo, identity card number 30481A, versus deputy curators be nominated in terms of law to represent the absent Clive Gullifer and the absent Katherine Lennmarker mentioned in the sworn application whereby it was ordered that deputy curators be nominated in terms of law to represent the absent Clive Gullifer and the absent Katherine Lennmarker, filed on the 23rd February, 2018, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as the other related and subsequent acts.

1. The in virtue of a deed of sale dated fifteenth (15th) May two thousand and twelve (2012), in the records of Notary Dr Kristen Dimech, a true copy of which including all documents attached thereto and a plan of the property, is being annexed as Doc. RR1, the claimant acquired from the defendant company Caruana & Cini Developments Co. Limited, the penthouse internally marked as number seven (7) in the condominium named 'The Firs', in Bullara Street, Xagħra, Gozo, together with its overlying airspace, as subject to specified active and passive servitudes in favour of the owners of the other apartments in the condominium.

2. That this sale was contracted with the condition, amongst others, that "no air-conditioning units belonging to the apartments below may be installed on the roof of the penthouse which units may be only installed in the area shaded in green on the same plan document 'A3' which

of the stairwell of the Block". Dan ifisser kjarament illi l-kompressuri tal-arja tas-sistemi ta' arja kundizzjonata li setgħu jiġu installati mis-sidien tal-appartamenti l-oħra fil-blokka, riedu jiġu installati biss fuq dik il-parti tal-bejt li hija sovrastanti għall-kaxxa tat-taraġ tal-blokk appartamenti. Id-definizzjoni fl-istess att ta' bejgħ tat-terminu 'arja', aktar u aktar isostni dan, peress illi l-arja ġiet definita bhala "*the airspaces overlying the penthouse and its terraces but does not include the airspace overlying the shafts, the stairwell, the yards whether back and/or internal and/or the front gardens*." Għalhekk, jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju illi r-rikorrent xtara l-proprjetà tiegħu flimkien mal-arja sovrastanti għaliha, però mingħajr l-arja tax-xaftijiet interni, tal-kaxxa tat-taraġ tal-bitieħi u tal-ġnien tal-blokka appartamenti 'The Firs'.

3. Illi fir-realtà però, ġew installati l-kompressuri tal-*units* esterni ta' arja kundizzjonata li jappartienu lis-sidien ta' wħud mill-appartamenti l-oħrajn, liema sidien huma l-intimati f'din il-kawża, u dan direttament fuq il-bejt tal-*penthouse* proprjetà tar-rikorrenti, u kjarament barra miż-żona mmarkata bl-aħdar, kif jidher fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' bejgħ fuq imsemmi.

4. Illi dawn il-*units* esterni, apparti li qegħdin imwaħħlin f'post fejn, skont il-kuntratt li bih xtara r-rikorrenti, mhux suppost jitwaħħlu, qegħdin ukoll marbuta ma' struttura tal-ħadid, li ġiet magħmula biex dawn il-*units* kollha jkunu jistgħu jeħlu wieħed fuq l-ieħor. Qiegħed jiġri però, illi l-istruttura tal-ħadid imwaħħla direttament fil-bejt tal-*penthouse* proprjetà tar-rikorrenti, proprju fuq il-kamra tas-sodda tiegħu, bil-konsegwenza illi dawk il-*units* esterni li ilhom esposti għall-elementi ċertu numru ta' snin u li allura jkunu rabbew ċertu sadid, qeghdin jittrażmettu l-vibrazzjonijiet u ħsejjes tagħhom waqt li jkunu jaħdmu, minn ġo din l-istruttura tal-ħadid li qegħdin imwaħħlin magħha, direttament għal ġol-bejt tal-kamra tas-sodda tar-rikorrenti. Ir-riżultat huwa illi r-rikorrenti qiegħed isofri inkonvenjent serju kawża tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet meta l-*units* tal-arja kundizzjonata jkunu mixgħulin, tant li ma jkunx jista' jorqod. *Di più*, din l-istruttura qiegħda wkoll tikkawża ħsara fil-bejt proprjetà tar-rikorrenti. Din il-ħsara, flimkien mal-fatt illi l-kompressuri qegħdin impoġġijin f'żona tal-bejt li hija proprjetà tal-mittenti u f'żona fejn hija projbita l-installazzjoni tagħhom skont il-kundizzjonijiet li taħthom xtara l-proprjetà tiegħu l-mittenti fl-anness att ta' bejgħ, qed tiġi ċċertifikata mill-Perit Arkitett u Inġinier Mariella Xuereb, fir-rapport tagħha hawn anness bħala Dok. RR2.

5. Illi dan li qiegħed jingħad huwa evidenti wkoll minn ritratti annessi bhala Dok. RR3, Dok. RR4, u Dok. RR5 rispettivament.

6. Illi rizultat ta' din is-sitwazzjoni, ir-rikorrent qiegħed ibati inkonvenjent serju peress illi l-vibrazzjonijiet li qed jigu magħmula, qegħdin jintervienu direttament mad-dritt tal-mittenti li jgawdi l-proprjetà tiegħu b'mod trankwill.

area refers to roof of the stairwell of the Block". This clearly means that the compressors of the air condition systems which could be installed by the owners of the other apartments in the condominium, could only be installed in that part of the roof overlying the stairwell of the block of apartments. The definition in the deed of sale of the term 'airspace', gives more weight to this fact, since 'airspace' was defined as "the airspaces overlying the penthouse and its terraces but does not include the airspace overlying the shafts, the stairwell, the yards whether back and/or internal and/or the front gardens." Therefore, it results without a shadow of doubt that the claimant acquired his property together with its own airspace, but without the airspace overlying the internal shafts, the stairwell, the yards and the garden of the block of apartments 'The Firs'.

3. That in reality, however, the external compressors of the air condition units belonging to the owners of some of the other apartments, which owners are the defendants in this case, have been installed directly on the roof of the penthouse property of the claimant, and manifestly out of the zone marked in green, and as shown in the plan annexed with the deed of sale above mentioned.

4. That these external units, apart from being installed in a place where according to the claimant's deed of acquisition they should not be installed, are also affixed to a metal structure which was placed so that these units are placed on top of each other. What is happening is that this metal structure is also installed directly on the roof of the penthouse property of the claimant, exactly on top of his bedroom, and consequently, these external units, which have been exposed to the elements for a certain number of years/months and so have rusted, are emitting their vibrations and noises whilst in operation, through this metal structure to which they are affixed, directly onto the roof overlying the claimant's bedroom. The end result is that the claimant is suffering a serious inconvenience directly as a cause of the noises and vibrations emitted whilst the units are in operation, so much so that they are interfering with his sleep. In addition, this structure is also causing damage to the roof of the claimant. This damage, together with the fact that these compressors are installed in a zone of the roof in which they should not be, is being certified by Architect and Civil Enginéer Mariella Xuereb, in her report herewith annexed as Doc. RR2.

5. That this is also evident from the photos annexed as Doc. RR3, Doc. RR4 and Doc. RR5 respectively.

6. That as a result of this situation, the claimant is suffering a serious inconvenience because the vibrations being emitted are interfering directly with his right to enjoy his property in a peaceful and tranquil manner. Graver still is the fact

Agħar minn hekk, is-soċjetà intimata Caruana & Cini Developments Co. Limited, naqset serjament fl-obbligi kuntrattwali assunti minnha fl-att imsemmi f'Dok. RR1, billi naqset li tassigura illi r-rikorrenti ma jkunx molestat fil-pussess u godiment reali tal-proprjetà mibjugħa, anke għaliex, kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kien proprju d-direttur u azzjonist ta' din l-istess soċjetà Manuel Cini illi ta struzzjonijiet lis-sidien l-oħra intimati f'din il-kawża biex iwaħħlu l-kompressuri tagħhom fil-post fejn qegħdin, ċjoè fl-arja proprjetà tar-rikorrenti, u dan minkejja li ġiet miġbuda l-attenzjoni tiegħu diversi drabi, anke uffiċjalment permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 7/2017, intavolata nhar id-disgħa (9) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017), hawn annessa bħala Dok. RR6.

7. Illi minkejja l-fatt illi r-rikorrenti ilu għal diversi xhur jilmenta minn din is-sitwazzjoni mal-intimati kollha, kemm verbalment, kemm bil-miktub, u anke bl-intervent tar-rappreżentant legali tiegħu, din is-sitwazzjoni qatt ma ġiet riżolta. Agħar minn hekk, meta r-rikorrenti pprova jirrisolvi l-problema individwalment mas-sidien tal-appartamenti l-oħra hawn intimati, dawn ġew diretti mill-istess Manuel Cini biex jinjoraw lir-rikorrenti u biex iħallu l-affarijiet kif inhuma, u kien għalhekk illi kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, invista tas-suespost, jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-post fejn huma mwaħħla l-kompressuri tas-sistema tal-arja kundizzjonata appartenenti lill-intimati Clive Gullifer, Katherine Lennmarker u Philip u Doris konjuġi Zammit, huwa proprjetà esklussiva tar-rikorrenti, u dan skont l-att ta' bejgħ datat il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech;

2. Konsegwentement tordna lill-intimati Clive Gullifer, Katherine Lennmarker u Philip u Doris konjugi Zammit, sabiex a spejjeż tagħhom, imexxu l-kompressuri msemmija fil-post fejn suppost qegħdin skont l-att ta' bejgħ imsemmi, liema post għandu jiġi indikat fuq il-post minn Perit Arkitett maħtur għal dan il-għan minn din l-istess Onorabbli Qorti;

3. Tordna illi fin-nuqqas, ir-rikorrenti jagħmel din ir-rilokazzjoni a spejjeż tal-intimati kollha jew min minnhom;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom u bl-inġunzjoni tal-istess intimati in subizzjoni.

Min għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien (6) ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jrid jidħol għal dan, u jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

that the defendant company Caruana & Cini Developments Co. Limited, defaulted grossly in its contractual obligations according to the deed annexed as Doc. RR1, due to the fact that it failed to ensure that the claimant would not be molested in the real use and enjoyment of the property in question, more so because, as will be clearly proven in these proceedings, it was the director and shareholder of this same defendant company, Manuel Cini, who instructed the other defendant owners in this lawsuit to install their compressors in the place they are in, that is in the airspace property of the claimant, and this despite the fact that he was warned more than once about this fact, even by means of judicial letter number 7/2017 filed in this same Court on the 9th of January, 2017, herewith annexed as Doc. RR6.

7. That despite the fact that the claimant has been complaining about this state of affairs for various months with all defendants involved, both verbally and in writing, and even through the direct intervention of his legal advisor, this situation was never resolved. Worse still is the fact that when the claimant tried to resolve this issue directly and individually with each defendant owner, these were directed by the same Manuel Cini to ignore the claimant and to leave the compressors where they are, and that is why this lawsuit had to be filed.

Therefore, in view of the above, defendants are being asked to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the place where the compressors of the aircondition units belonging to defendants Clive Gullifer, Katherine Lennmarker and Philip and Doris spouses Zammit, is exclusive property of the claimant, and this in virtue of the deed of sale dated fifteenth (15th) May two thousand and twelve (2012) in the records of Notary Dr Kristen Dimech;

2. Consequently order defendants Clive Gullier, Katherine Lennmarker and Philip and Doris spouses Zammit to relocate the compressors abovementioned to the area where they should be according to the abovementioned deed of sale, which exact place is to be determined by an Architect and Civil Enginéer nominated by this Honourable Court to this end, and this at their own expense;

3. Order that in default of the above, the claimant effects this relocation himself, at the expense of all of or any of the defendants as indicated by the Court;

With costs against all or any of the defendants and with their injunction to oath

Whoever is interested to be nominated as a curator is hereby called upon to call at this Registry within six (6) days and make known their interest through a note declaring therein that they accept such an assignment, and in default, this court will proceed to nominate an official curator.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Joanne Vella Cuschieri, LLD, BA Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum id-9 ta' Marzu, 2018

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform this Court forthwith.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Joanne Vella Cuschieri, LLD, BA Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the said Court.

This 9th March, 2018

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

DIANE FARRUGIA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

481

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Frar, 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Kontromandat numru 206/18 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara l-mandat ta' sekwestru numru 104/17 maħruġ fid-19 ta'Jannar, 2017, fl-ismijiet Borg Felix (KI 108785M) vs Attard Philip (KI 491065M) fejn Philip Attard talab sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna il-ħrug ta' opportun kontromandat għar-raġuni li l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru kien jammonta għal €1,796 li minnu diġà tnaqqset is-somma ta' €1,306.75 wara li ġiet depożitata din is-somma il-Qorti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu numru 2111/17 li ġiet żbankata minn Dr Frank Cassar għan-nom il-kreditur Felix Borg skont Dok. A hawn anness u peress li jibqa' l-bilanċ ta' €489.25 dan qed jiġi depożitat taħt l-Awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta'ċedola ta' depożitu li qed tigi ppreżentata kontestwalment ma' dan il-kontromandat (Dok. B anness).

Kontromandat

Republika ta' Malta
Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Il-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera

By means of a decree of the 12th February, 2018, the Court of Magistrates (Malta) ordered the publication of the following extract for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of a Counter Warrant number 206/18 filed in the Courts of Magistrates (Malta) after the Garnishee Order number 104/17 issued on the 19th January 2007 in the names Borg Felix (ID 108785M) vs Attard Philip (ID 491065M) where Philip Attard requested this Honourable Court to issue the opportune Counter Warrant for the reason that the amount in the Garnishee Order was that of €1,796, out of which the sum of €1,306.75 was already deducted upon the deposit in court of this sum by means of a Schedule of Deposit number 2111/17 and which amount has been withdrawn by Dr Frank Cassar for and on behalf of the creditor Felix Borg according to Doc. A here attached and because the remaining balance of €489.25 is being deposited under the Authority of this Honorable Court by means of a schedule of deposit that is being filed together with this counterwarrant (Doc. B attached).

Counter Warrant

Republic of Malta
Warrant of the Court

To the Marshall of the Court

Given by the Court above mentioned

In the Courts of Magistrates (Malta)

Magistrate Dr Consuelo Scerri Herrera

Wara l-mandat ta' Sekwstru numru 104/17 fl-ismijiet:

Felix Borg

vs

Philip Attard

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'jumejn (2) żmien għar-risposta.

Illum it-2 ta' Frar, 2018

Notifika Borg Felix, 49, Triq il-Knisja, Ix-Xagħjra, limiti ta' Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

After the Garnishee Order Number 104/17 in the names:

Felix Borg

vs

Philip Attard

The Court,

Having seen the application;

Orders service of the application to the counterpart who has two (2) days within which to reply.

Today 2nd February, 2018

Service: Borg Felix, 49, Triq il-Knisja, Xagħjra, limits of Ħaż-Żabbar

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, the 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

482

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-6 ta' Marzu, 2018, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Roberta Grech (KI 314581M) vs Avukat Ġenerali et, Rikors numru 93/2016 SM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Roberta Grech (KI 314581M) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet Roberta Grech (KI 314581M) vs Avukat Ġenerali et fl-20 ta' Novembru, 2017, l-Avukat Ġenerali jesponi bir-rispett:

Illi dan ir-Rikors huwa appell limitat: (i) fuq il-kumpens ta' €8,000 li l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat li għandu jitħallas mill-Avukat Ġenerali, u (ii) fuq l-ispejjeż tal-kawża ta' Mercury Investments Limited li l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat li għandhom jitħallsu wkoll mill-Avukat Ġenerali;

… omissis …

Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jagħti fil-qosor il-fatti rilevanti;

Illi fis-17 ta' Ottubru, 2016, Roberta Grech fetħet din il-kawża kostituzzjonali kontra l-Avukat Ġenerali u Mercury

Notice is hereby given that by a decree of the Constitutional Court, entered on the 6th day of March, 2018, in the records of the Application in the names Roberta Grech (ID 314581M) vs Attorney General et, Application 93/2016 SM, it was ordered that service upon Roberta Grech (ID 314581M) be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal filed in the Constitutional Court, in the names Roberta Grech (ID 314581M) vs Attorney General et on the 20th day of November, 2017, the Attorney General respectfully submitted:

That this Application is an appeal limitedly: (i) on the compensation of €8,000 that the Honourable Court of First Instance ordered to be paid by the Attorney General, and (ii) on the court costs of the cause of Mercury Investments Limited that the Honourable Court of First Instance also ordered to be paid by the Attorney General;

… omissis …

That the abovementioned Application of Appeal gives a summary of the relevant facts;

That on the 17th day of October, 2016 Roberta Grech instituted this constitutional cause against the Attorney

Investments Limited. Hija lmentat u talbet kif mogħti fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi l-Avukat Ġenerali kkontesta t-talbiet ta' Roberta Grech permezz ta' tweġiba mressqa fit-2 ta' Novembru, 2016. Min-naħa l-oħra Mercury Investments Limited wieġbet li hi ma kienet taħti xejn għall-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali mqanqla minn Roberta Grech;

Illi b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2017, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża hekk: (i) Tirrespinġi r-risposti kollha tal-intimat Avukat Ġenerali; (ii) Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u r-risposti tas-soċjetà intimata; (iii) Tiddikjara li d-dewmien riskontrat fil-proċeduri numru 349/2007 fl-ismijiet Mercury Investments Limited vs Roberta Grech ivvjola d-dritt tar-rikorrenti Roberta Grech għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; (iv) Tillikwida l-kumpens mistħoqq fl-ammont ta' €8,000.00; (v) Tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali biex iħallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti Roberta Grech, u (vi) Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu biss a karigu tal-istess intimat Avukat Ġenerali, bis-soċjetà Mercury Investments Limited tkun liberata milli tħallas tali spejjeż stante li l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tirriżulta kompletament estranea għall-istess dewmien riskontrat;

… omissis …

Illi biex kollox ikun ċar l-Avukat Ġenerali mhux qiegħed jikkontesta l-fatt li Roberta Grech ġarrbet ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq … omissis …;

Illi l-ewwel aggravju huwa dwar il-kumpens ta' €8,000 li l-Ewwel Onorabbli Qorti akkordat biex ipatti għall-vjolazzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali mġarrab minn Roberta Grech. L-Avukat Ġenerali jħoss li dan il-kumpens huwa għoli wisq u għandu jiġi mnaqqas għal żewġ raġunijiet li sejrin jissemmew. Illi fl-ewwel lok jidher minn paragrafu 31 tas-sentenza appellata li l-Ewwel Onorabbli Qorti ħadmet fuq iċ-ċifra ta' €8,000 għaliex kienet influwenzata mill-fatt li Roberta Grech weħlet aktar imgħax minħabba li s-sentenza ċivili damet biex inqatgħet. Fil-fehma tal-esponent dan il-fattur kien irrilevanti fil-kuntest tal-komputazzjoni tad-danni f'kawża kostituzzjonali għal dewmien fi proċeduri ċivili … omissis … Fit-tieni lok l-esponent iħoss li dan il-kumpens ta' €8,000 għandu jiġi mnaqqas għaliex dan huwa għoli meta mqabbel ma' kazijiet oħra li jixxiebhu marbuta ma' dewmien … omissis … allura l-kumpens għandu jkun ħafna inqas minn dak mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti, sabiex dan jirrifletti l-każistika;

General and Mercury Investments Limited. She argued and prayed as given in the abovementioned Application of Appeal;

That the Attorney General contested the claims of Roberta Grech through the reply submitted on the 2nd day of November, 2016. On the other hand Mercury Investments Limited pleaded that it was not responsible for the constitutional and conventional complaint raised by Roberta Grech;

That by a judgement entered on the 14th day of November, 2017, the Honourable Court of First Instance ruled as follows: (i) Rejects all the pleas of the respondent Attorney General; (ii) Upholds the claims of the applicant and the pleas of the respondent company; (iii) Declares that the delay experienced in proceeding number 349/2007 in the names Mercury Investments Limited vs Grech Roberta violated the right of the applicant Roberta Grech to a fair hearing within a reasonable time as provided in Article 39(2) of the Constitution and Article 6 of the Convention; (iv) Liquidates the compensation due in the amount of €8,000.00; (v) Orders the respondent Attorney General to pay the amount so liquidated to the applicant Roberta Grech, and (vi) With the costs of this proceeding to be borne by the same respondent Attorney General, with the company Mercury Investments Limited being freed from paying such expenses since in this cause its position is completely extraneous to the delay abovementioned;

… omissis …

That for the sake of clarity the Attorney General is not contesting the fact that Roberta Grech suffered violation of the right to a fair hearing … omissis …;

That the first grievance is in respect of the compensation of €8,000 that the Honourable Court of First Instance awarded to compensate for the constitutional and conventional violation suffered by Roberta Grech. The Attorney General feels that this compensation is too high and should be reduced for the two reasons which will be mentioned. That in the first place, it appears from paragraph 31 of the judgment under appeal that the Honourable Court of First Instance has worked on the figure of €8,000 because it was influenced by the fact that Roberta Grech suffered more interest because of the delay in the civil litigation. In the opinion of the applicant, this factor was irrelevant in the context of the computation of damages in a constitutional cause for a delay in civil litigation … omissis … In the second place, the applicant feels that the compensation of €8,000 should be reduced because this is high compared to other similar cases concerning delay … omissis … thus the compensation should be much less than that awarded by the Honourable Court of First Instance, so that it be consonant with jurisprudence;

Illi t-tieni aggravju huwa dwar l-ispejjeż ta' Mercury Investments Limited li skont is-sentenza appellata ġew mixħuta fuq l-Avukat Ġenerali … omissis … Jiġi b'hekk li l-ispejjeż ta' Mercury Investments Limited m'għandhomx jitħallsu mill-Avukat Ġenerali iżda għandhom jitħallsu mill-appellata Roberta Grech.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponent, filwaqt illi jirreferi għall-atti kollha tal-kawża u li jirriżerva li jipproduċi l-provi kollha ammissibbli skont il-liġi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Roberta Grech vs Avukat Ġenerali et" (Rikors numru 93/2016 SM) mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2017, billi: (i) Tikkonfermaha f'dawk il-kapijiet fejn iddikjarat li d-dewmien fil-proċeduri numru 349/2007 fl-ismijiet Mercury Investments Limited vs Roberta Grech kiser il-jedd ta' Roberta Grech għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif imħares taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u (ii) Tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-kapijiet fejn illikwidat u kkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas lil Roberta Grech kumpens fl-ammont ta' €8,000 u fejn l-Avukat Ġenerali ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż ta' Mercury Investments Limited, u minflok tiffissa ammont ta' kumpens ferm inqas minn €8,000 u tordna li l-ispejjeż ta' Mercury Investments Limited għandhom jitħallsu minn Roberta Grech.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appel jitħallsu minn Roberta Grech

Appellanti: L-Avukat Ġenerali, Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, Il-Palazz, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Notifiki: Roberta Grech (KI 314581M), Casa Blanca, Triq ix-Xiber, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri

Illum il-Ġimgħa, id-9 ta' Marzu, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the second grievance is in respect of the court costs of Investments Mercury Limited that in terms of the judgment under appeal were cast upon the Attorney General … omissis … Therefore the court costs of Mercury Investments Limited shall not be borne by the Attorney General but shall be borne by the respondent Roberta Grech.

Therefore, for the above-given reasons the appellant, whilst making reference to all the records of this cause and reserving to produce all evidence admissible at this stage according to the law, prays with respect that this Honourable Constitutional Court, reforms the judgement of the Honourable First Hall of the Civil Court (Constitutional Jurisdiction) in the names "Roberta Grech vs Attorney General et" (Application number 93/2016 SM) entered on the 14th day of November, 2017, by: (i) Confirming it in those heads wherein it was ruled that the delay in the proceeding number 349/2007 in the names Mercury Investments Limited vs Roberta Grech violated the right of Roberta Grech to a fair hearing within a reasonable time as protected under Article 39(2) of the Constitution of Malta and Article 6 of the European Convention, and (ii) Cancelling, revoking and annulling it with respect to the heads which liquidated and ordered the Attorney General to pay Roberta Grech compensation in the amount of €8,000 and where the Attorney General was ordered to pay the court costs of Mercury Investments Limited, and instead fixes the compensation due in an amount much less than €8,000 and orders that the court costs of Mercury Investments Limited be borne by Roberta Grech.

With the costs of this appeal to be borne by Roberta Grech

Appellant: The Attorney General, Office of the Attorney General, Il-Palazz, Triq ir-Repubblika, Valletta

Services: Roberta Grech (ID 314581M), Casa Blanca, Triq ix-Xiber, Swieqi

Registry of the Superior Courts

Today Friday, the 9th day of March, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

483

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2834/16, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Joseph Tabone et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 29th January, 2018 in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 2834/16 in the names Bank of Valletta plc vs Joseph Tabone et noe, the following publication was ordered for the purpose of effecting service of the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Joseph Tabone (KI 252869M) bħala Trustee ta' Africa Tade Trust ta' 34, Riviera Mans, Flat 10, Triq il-Lampuka, Marsaskala, u l-istess Africa Trade Trust ta' 34, Riviera Mans, Flat 10, Triq il-Lampuka, Marsascala, fis-26 ta' Awwissu, 2016, Bank of Valletta plc ta' 1/5 Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellakom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem inti tħallsu s-somma ta' €529,170.04 bilanc għad-debitu fl-Overdraft Account ta' Africa Trade Trust mas-soċjetà Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħax legali mis-17 ta' Marzu, 2016, sal-jum tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu li teffettwaw il-ħlas fuq imsemmi fit-terminu lilek prefiss, hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi, inkluż billi tgħaddi biex tbigħ ir-rahan mogħti minn Africa Trade Trust fl-14 ta' April, 2004, tas-6673 *shares* fil-Commerzbank AG – miżmuma f'isem Africa Trade Trust fil-*portfolio* numru 24854805-1, qabel 10005322 domiċiljat u amministrat minn Bank of Valletta Wealth Management kif jipprovdi s-subinċiż (5) tal-Artikolu 1970 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illumid- 9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Joseph Tabone (ID 252869M) as Trustee of Africa Trade Trust of 34, Riviera Mans, Flat 10, Triq il-Lampuka, Marsaskala, and the same Africa Trade Trust of 34, Riviera Mans, Flat 10, Triq il-Lampuka, Marsascala, on the 26th August 2016, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, solicits you so that within three (3) days you pay the sum of €529,170.04 balance of debt in the Overdraft Account of Africa Trade Trust with Bank of Valletta plc together with legal interest from the 17th March, 2016, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail to effect such payment in the time given, it will be constrained to proceed against you according to law, including to sell the pledge given by Africa Trade Trust on the 14th April 2004 of the 6673 shares in Commerzbank AG – held in the name of Africa Trade Trust in the portofolio number 24854805-1 previously 1005322, and administered by Bank of Valletta Wealth Management as provided in terms of subsection (5) of Article 1970 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

With costs

Registry of the Superior Courts today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

484

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 453/17, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Maria Anna Cotton, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal- intimata Maria Anna Cotton a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-23 ta' Frar, 2017

Lil Maria Anna Cotton (KI 175348M) ta' Flat 8, Blk 1, Triq l-Imsida, il-Gżira

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,329.68, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ

By means of a decree of the 18th August, 2017, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 453/2017 in the names Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Maria Anna Cotton, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the interpellant Maria Anna Cotton in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd February, 2017

To Maria Anna Cotton (ID 175348M) of Flat 8, Blk 1, Triq l-Imsida, Gżira

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,329.58, which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance due for the consumption

dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi, relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000170034, ossija dwar il-fond bl-indirizz Flat 8, Blk 1, Triq l-Imsida, Il-Gżira, liema ammont jammonta għal €2,329.68.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. *Di più* ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of water and electricity, rent of water and electicity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, together with interest due on the amount according to law, regarding the bill number 101000170034 for the premises Flat 8, Blk 1, Triq l-Imsida, Gżira, which amounts to €2,329.68.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

485

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2524/16, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Frederick Andre Cauchi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Frederick Andre Cauchi a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum is-7 ta' Ottubru, 2016

Lil Frederick Andre Cauchi (KI 295684M) ta' Lilium Crt, Flkat 5, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għannom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €6,238.72, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u

By means of a decree of the 18th August 2017 handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2524/2016 in the names Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Frederick Andre Cauchi, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the interpellant Frederick Andre Cauchi in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th October, 2016

To Frederick Andre Cauchi (ID 295684M) of Lilum Court, Flat 5, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €6,238.72, which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electicity meter, administrative fees, connection and disconnection fees,

disconnection fees, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi, relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000009483, ossija dwar il-fond bl-indirizz Flat 5, Lilum Court, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala, liema ammont jammonta għal €6,238.72.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. *Di più* ma hemm l-ebda raguni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

together with interest due on the amount according to law, regarding the bill number 411000009483 for the premises Flat 5, Lilium Court, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala, which amounts to €6,238.72.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

486

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Novembru, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2689/17, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud vs Anthony Michael Giacomotto, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Anthony Michael Giacomotto a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Anthony Michael Giacomotto (KI 352884M) ta' Flat 6, Ent E, Triq Ġużè Ellul Mercer, Is-Swatar/L-Imsida (MSD 01) , fit-3 ta' Ottubru, 2017, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara, jinterpellak *ai termini* tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €9,077.08 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-ligi meta l-ammont *de quo* kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment, iżda mhux esklussivament,sabiex tirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontrik permezz tal-Avviż notifikat lilek.

By means of a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 20th November, 2017, in the records of the judicial letter number 2689/17 in the names Commissioner of Value Added Tax vsAnthony Michael Giacomotto, the following publication for the purpose of service on the respondent was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Anthony Michael Giacomotto (ID 352884M) of Flat 6, Ent E, Triq Ġużè Ellul Mercer, Swatar/Msida (MSD 01), on the 3rd October, 2017, the Commisioner of Value Added Tax of Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara, solicits you in terms of Article 59 of the Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €9,077.08 representing the amount due by you as Value Added Tax according to the same act.

With costs and interest according to law from the the due date of the amount de quo till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the Commissioner of Value Added Tax has against you by means of a Notice notified to you.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi biex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu fil-konfront tagħkom permezz tal-mandati opportuni, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In default, the interpellant informs you that he shall pass to execute the said executive title he has against you pro et noe by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulise yourself and to proceed

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

487

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4228/17, fl-ismijiet Dr Michelle Tabone et noe vs Kyle Nani, il-Prim'Awla tal-Qorti ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Kyle Nani a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti
Illum it-8 ta' Novembru, 2017

Lil Kyle Nani (KI 212588M) ta' Flat 2, Il-Kantuniera, Triq il-Gejża, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti Dr Michelle Tabone (KI 138371M) bħala Ekonomu tal-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta, għan-nom u fl-interess tal-Veneranda Konfraternità tal-Madaonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, tinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa int tiżgombra mill-fond hawn fuq imsemmi u cjoè l-fond numru 21 li jinsab f'Main Street, San Ġiljan, u tħallih liberu u battal favur il-mittenti nomine u dan partikolarment iżda mhux esklussivament, peress illi inti qed tiddetieni l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Jekk inti tibqa' inadempjenti l-mittenti nomine ma jkollha ebda triq oħra ħlief li tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Dan sabiex inti tagħraf tidderiegi ruħek

Bl-ispejjeż

Mittenti: Dr Michelle Tabone nomine, Kurja Arċiveskovili, Il-Furjana

Notifika: Kyle Nani, Flat 2, 47, Il-Kantuniera, Triq il-Gejża, Is-Swieqi

By means of a decree given on the 23rd January, 2018, in the records of the judicial letter number 4228/17, in the names Dr Michelle Tabone et noe vs Kyle Nani, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Kyle Nani.

In the First Hall of the Civil Court
Today 8th November, 2017

To Kyle Nani (ID 212588M) of Flat 2, 47, Il-Kantuniera, Triq il-Gejża, Swieqi

By means of this present Dr Michelle Tabone (ID 138371M) as Bursar of his Excellency Monsignour Charles J. Scicluna, Bishop of Malta, Administrator of the Ecclesiatical Diocesan Entities of Malta, for and on behalf of the Venerable Confraternity of Our Lady of Carmel of Valletta, solicits you so that within one week you vacate the premises above mentioned and that is the premises number 21, Main Street, St Julians, and you leave it free and unencumbered in favour of the interpellant nomine and this particularly but not exclusively because you are keeping the same premises without any title at law.

If you remain in default, the interpellant nomine will have no alternative but to proceed against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

applicant: Dr Michelle Tabone nomine, Kurja Arċiveskovili, Floriana

Notification: Kyle Nani – Flat 2, 47, Il-Kantuniera, Triq il-Gejża, Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

488

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2018, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Monica Ellul et vs Mosta Football Club, Rikors numru 153/2017JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mosta Football Club et a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Monica Ellul (KI 396048M) u Anton Scicluna (KI 860850M) versus Mosta Football Club kif rappreżentat mill-President George Galea u mis-Segretarju Ġenerali Michael Galea u t-Teżorier Owen Vella, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-14 ta' Novembru, 2017, ir-rikorrenti Monica Ellul (KI 396048M) u Anton Scicluna (KI 860850M) esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw li:

Illi r-rikorrenti koproprjetarji tal-fond numru 38/40, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta, li ġie mgħoddi lilhom b'wirt mingħand missierhom Joseph Scicluna (ara *causa mortis* Dok. E1 hawn anness);

Illi l-istess fond hu mikri lill-*club* intimat Mosta Football Club versu l-kera ta' Lm1.75 (illum ekwivalenti għal €4.08) kuljum pagabbli bi tliet xhur bil-quddiem u issa €7.61 kif għoliet skont l-*index of inflation* u dan skont kuntratt ta' lokazzjoni datat it-8 ta' Jannar, 1982, quddiem in-Nutar Dr Francis Micallef, li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E2;

Illi skont l-istess kuntratt ta' lokazzjoni l-fond in disamina ġie mikri għall-perjodu ta' ħames snin li kellu jibda' jiddekorri minn meta spiċċa enfitewsi temporanja skont il-kuntratt datat l-4 ta' Marzu, 1965, quddiem l-istess Nutar Dr Francis Micallef (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. E3). Konswegwentement, il-kirja baqgħet tiġġedded minn sena għal sena f'kull l-1 ta' April;

Illi fil-kuntratt ta' lokazzjoni inkwistjoni fir-rigward tal-użu u s-sullokazzjoni tal-fond in desamina hemm imniżżel is-segwenti: "għandu jiġi użat esklussivament bħala sede tal-Mosta Football Club …" Kif ukoll: "6. Hi projbita s-sullokazzjoni tal-fond totalment jew in parti";

Illi għalhekk, dan ifisser illi l-fond inkwistjoni kellu jintuża biss bħala '*club*' sabiex jintuża bħala sede tal-konvenut Mosta Football Club u għal ebda skop ulterjuri;

By means of a decree of the 26th February, 2018 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Monica Ellul et vs Mosta Football Club, Application number 153/2017JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mosta Football Club in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Monica Ellul (ID 396048M) and Anton Scicluna (ID 860850M) vs Mosta Football Club as respresented by the President George Galea, General Secretary Michael Galea and the Treasurer Owen Vella, filed in the Rent Regulation Board, on the 14th November, 2017, the applicants Monica Ellul (ID 396048M) and Anton Scicluna (ID 860850M) requested with respect and confirmed on oath that:

The applicants are the co-owners of the premises number 38/40, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, which premises they have inherited from their father Joseph Scicluna (see causa mortis Doc. E1 here attached);

That the same premises are leased to the respondent club Mosta Football Club at the daily rent of Lm1.75 (today equivalent to €4.08) payable every three months in advance and now it is €7.61 as it has increased as a result of the index of inflation and this according to the lease agreement dated 8th January, 1982, in the acts of Notary Dr Francis Micallef, a copy of which is attached and marked as Doc. E2;

That according to the same lease agreement, the premises in question were leased for a period of five years which should have started to run from the date that the temporary emphyteusis expired in accordance with a deed dated 4th March, 1965, in the acts of the same Notary Dr Francis Micallef (copy of which is attached and marked as Doc. E3). Consequently, the lease continued to be renewed from one year to the other every 1st April;

In the lease agreement in question, the following is stated with respect to the use and sub-lease of the premises in question: "it is to be exclusively used as the seat of the Mosta Football Club …" In addition: "6. The sub-lease of the premises whether in part or in full is prohibited";

This means that the premises in question had to be used as a 'club'to be used as the seat of the respondent Mosta Football Club and for no other further reason;

lli ricentement ir-rikorrenti saru jafu illi l-konvenut Mosta Football Club m'għadux juża l-istess fond *de quo* esklussivament bħala *club* u li qed juża fond ieħor bħala sede tal-*club* (ara estratt mill-*website* hawn annessa u mmarkat bħala Dok. E4). Ir-rikorrenti saru jafu wkoll illi l-istess initmat issulloka u/jew assenja *de facto* u/jew legalment l-imsemmi fond in desamina lil terzi persuni mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti u dan kif se jigi spjegat u ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

That recentely the applicants came to know that the respondent Mosta Football Club is not using the premises in question exclusively as a club (see extract from the website here attached and marked as Doc. E4). The applicants also learnt that the respondent sub-leased and/or assigned de facto and/or legally the same premises to third parties and this without the consent of the applicants and this as will be explained and proven in the course of these proceedings;

Illi l-konvenut Mosta Football Club assenja u/jew issullok *de facto* u/jew legalment l-istess fond lil terzi persuni taħt in-negozju Gianluca's Ristorante e Pizzeria, u dan kif jidher ampjament ċar minn siti tal-internet u sorsi oħra u kif ukoll kif se jigi ppruvat fl-andament ta' dawn il-proċeduri (ara per eżempju Dok. E5;

The respondent Mosta Football Club assigned and/or sub-let de facto and/or legally the same premises to third parties under the name Gianluca's Ristorante e Pizzeria, and this as clearly results from the internet site and other sources and as will be proven during the procedeeings (see for example Doc. E5);

Illi l-konvenut Mosta Football Club, tramite r-rappreżentanti tiegħu, ġie interpellat divers drabi, kemm b'ittri bonarji kif ukoll b'ittra uffiċjali sabiex, peress li hemm ksur palesi tal-kuntratt in desamina, jirritorna l-fond inkwistjoni lill-proprjetarji rikorrenti iżda dan baqa' inadempjenti (ara kopja tal-ittra uffiċjali datata t-30 ta' Jannar, 2017, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E6);

That the respondent Mosta Football Club, through itsrepresentative, was solicited several times, both by legal letters and also by judicial letters, because there was a manifest violation of the agreement in question, to return the premises in question to the applicants as owners but he remained in default (see copy of the judicial letter dated 30th January, 2017, here attached and marked as Doc. E6);

Illi jidher ukoll li skont ir-rapporti tal-Perit Conrad Thake għar-rigward il-valur lokattizju u valur fis-suq tal-proprejtà inkwistjoni huwa innota tibdiliet strutturali fil-fond *de quo,* liema tibdiliet saru mingħajr il-kunsens tal-proprjetarji (ara kopja tar-rapporti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. E7 u Dok. E8);

According to the report of the Architect Conrad Thake regarding the value of the lease and the market value of the property in question, he noted strucutral changes in the premises which changes were done without the consent of the owners (see copy of the report here attached and marked as Doc. E7 and Doc. E8);

Illi, għalhekk jidher li hemm tibdil strutturali fil-fond mingħajr permess, u hemm ukoll bdil tad-destinazzjoni tal-istess fond;

It seems that there are structural changes in the premises without permit and that the premises are being used for a reason which is different to that for which it was let;

Illi in oltre dan jammonta għall-ksur lampanti tal-kuntratt ta' lokazzjoni in desamina u għalhekk ir-rikorrenti qed jadixxu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond in desamina fl-iskadenza li jmiss.

In addition, this amounts to a flagrant breach of the lease agreement and accordingly the applicants are requesting this Honourable Board to resume possession of the premises by the next renewal.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett kollu jitolbu li dan l-Onorabbli Bord jogħgbu:

Therefore, as a result of the above mentioned, the applicants request with respect that this Honorable Board:

1. Jiddikjara illi l-intimat Mosta Football Club kiser il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni in desamina datata t-8 ta' Jannar, 1982, quddiem in-Nutar Dr Francis Micallef ;

1. Declares that the respondent Mosta Football Club breached the conditions of the lease agreement in question dated 8th January 1982 before Notary Dr Francis Micallef;

2. Jiddikjara li kien hemm bdil ta' destinazzjoni tal-fond u tibdil strutturali bla permess;

2. Declares that there were changes in the destination of the premises and structural changes without permit;

3. Konsegwentemnet jawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-iskadenza li jmiss huma ma jġeddux il-kirja in desamina u jirriprendu l-pussess tal-fond inkwistjoni u prevja l-kundanna tal-konvenut Club u/jew terzi persuni oħra involuti sabiex jiżgombraw mill-istess fond u dan taħt dawk

3. Consequently authorises the applicant so that by the next installment they will not renew the lease in question and resume possession of the premises in question and this subject to an order to the respondent club and/or other third parties to vacate the premises and this under those orders

il-provvedimenti li dan il-Bord jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 2068/2016.

Rikorrenti: Monica Ellul: 53, Triq il-Bies, San Ġwann SGM 1929
Anton Scicluna 153, Sea Breeze, Flats 3/4, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB 3415

Intimati: Mosta Football Club, 38/40. Triq il-Kungress Ewkaristku, Il-Mosta

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cjoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk, huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet Monica Ellul et vs Mosta Football Club et noe, Rikors numru 153/2017JD, jinsab differit għad-19 ta' April, 2018, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that this Board deems fit and opportune to make in the circumstances.

With costs including the costs of the judicial letter number 2068/016.

Applicant: Monica Ellul: 53, Triq il-Bies, San Ġwann SGM 1929.
Anton Scicluna: 153, Sea Breeze, Flats 3/4, Triq San Pawl, St Paul's Bay SPB 3415

Respondent: Mosta Football Club, 38/40, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta

Who receives this sworn application against him has to file a sworn reply within twenty (20) days from the date of notification, that his from the day when he receives it. If a sworn written reply is not be filed according to law within the time given, the Court will pass on to give its judgment according to law.

Thus, it is in the interest of who receives this sworn application to immediately contact a lawyer so the Court will hear what he has to say.

The sworn application in the names Monica Ellul et vs Mosta Football Club et noe, Application number 153/2017JD, has been postponed for hearing to the 19th April, 2018, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

489

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-29 ta' Novembru, 2017, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Diegu, Marsa, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Settembru, 2017, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Abraham Bezzina (KI 0248260M) ta' 2, Santa Rita, Triq il-Kbira, Il-Mosta; u/jew c/o Roma Car Hire, 82, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar; u/jew Roma Car Hire, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €543.94, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 414/17CZ) hija differita għall-14 ta' Marzu, 2018, fin-12.15 p.m.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 29th November, 2017, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 1st September, 2017, whereby they asked the Tribunal to condemn Abraham Bezzina (ID 0248260M) of 2, Santa Rita, Triq il-Kbira, Mosta; and/or c/o Roma Car Hire, 82, Triq Toni Bajada, St Paul's Bay; and/or Roma Car Hire, Ramon Perellos Street, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of €543.94, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 414/17KZ) is deferred on the 14th March, 2018, at 12.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-2 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

490

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Jannar, 2018, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Emanuel Degiorgio.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali b'kambjali numru 4332/2010 fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited (C 360) ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda vs Emanuel Degiorgio ta' 111, Flat 24, Triq San Ġużepp, Il-Belt Valletta, fejn United Acceptances Finance Limited (C 360) esponiet bir-rispett u Patricia Hili (KI 96153M) debitament awtorizzata mill-kumpanija attriċi, tikkonferma bil-ġurament tagħha:

Illi permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 4332/2010, is-soċjetà rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti għal €5,925.84 annessi mal-istess ittra uffiċjali *ai termini* tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minkejja dan, l-intimati baqgħu inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra uffiċjali għadhom ma tħallsux;

Illi għaddew iktar minn ħames snin minn meta dawn il-kambjali ġew reżi esegwibbli skont il-liġi u, għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti ma tistax tipproċedi mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi għall-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' €5,925.84, flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż relattivi skont il-liġi għadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv għall-kambjali hemm indikati.

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv *ai termini* tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Magistrat: Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD

Avviż numru 302/17CFF

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 9th January, 2018, the publication of the following extract was ordered for the purpose of effecting service on Emanuel Degiorgio in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application filed on the 11th October, 2017, in the records of judicial letter with bills of exchange number 4332/2010 in the names United Acceptance Finance Limited (C 360) of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda vsEmanuel Degiorgio of 111, Flat 24, Triq San Ġużepp, Valletta, whereby United Acceptance Finance Limited (C 360) respectfully pleaded and Patricia Hili (ID 96153M) duly authorised for and on behalf of the same applicant company confirms on oath:

By means of a judicial letter number 4332/2010, the interpellant company rendered enforceable the bills of exchange amounting to €5,925.84 attached to the same judicial letter in terms of Article 253(e) and 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta;

This notwithstanding, the respondents remained in default and the bills of exchange attached to the aforementioned judicial letter remained unpaid;

More than five years have passed from when these bills of exchange became enforceable according to law and, thus, the applicant company cannot proceed without the authorisation of this Honorable Court;

For the purposes of Article 258 of Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company declares that the amount of €5,925.84, together with interest and relative costs according to law which are still due because no payment was made relative to the bills of exchange above stated.

Thus, the applicant company humbly requests that this Honorable Court authorises the enforcement of the executive title in terms of Article 258(c) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Malta)

Magisrate: Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD

Notice number 302/17CFF

United Acceptances Finance Limited

vs

Emanuel Degiorgio

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat il-11 ta' Ottubru, 2017;

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors;

Rat l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna li l-istess rikors jiġi notifikat lill-kontroparti Jemanuel Degiorgio li għandu sebat (7) ijiem għar-risposta mid-data tan-notifika.

Ir-rikors qed jiġi appuntat għas-smigħ għat-28 ta' Novembru, 2017, fid-9.30 a.m., li ġie differit għall-20 ta' Marzu, 2018, fid-9.30 a.m.

Illum it-12 ta' Ottubru, 2017

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-12 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

United Acceptance Finance Limited

vs

Emanuel Degiorgio

The Court,

Saw the application of the applicant dated 11th October, 2017;

Saw all the documents attached with the application;

Saw Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta;

Orders that the same application be notified to the counter party Emanuel Degiorgio that has seven (7) days from the date of notification to submit a reply.

Schedules the application for hearing for the sitting of the 28th November, 2017, at 9.30 a.m., which is postponed to the 20th March, 2018, at 9.30 a.m.

Today 12th October, 2017

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

491

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fit-8 ta' Marzu, 2018, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs. Seacrest Limited (C 46174), Rikors Ġuramentat numru 1027/2017 SM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Seacrest Limited (C 46174) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs Seacrest Limited (C 46174) fl-10 ta' Novembru, 2017, Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' €21,976.22 kwantu import ta' varji ammonti avvanzati lilha mis-soċjetà rikorrenti attriċi kif jirriżulta minn *Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dokument OSL 1, liema ammont huwa llum dovut u eżiġibbli.

Notice is hereby given that by a decree of the First Hall of the Civil Court, entered on the 8th day of March, 2018, in the records of the Sworn Application in the names Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs. Seacrest Limited (C 46174), Sworn Application number 1027/2017 SM, it was ordered that service upon Seacrest Limited (C 46174) be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs Seacrest Limited (C 46174) on the 10th day of November, 2017, Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) asked this Honourable Court to:

1. Order the respondent company to pay the sum of €21,976.22 as for the value of various amounts advanced to it by the plaintiff company as results from the Statement of Account herewith attached and marked as Document OSL 1, which amount is now due and enforcable.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kif mitluba kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012), 69, Triq Patri Felician Bilocca, Il-Marsa.

Notifiki: P&J Co. Ltd (C 5153), 'Penmarric', Old Railway Road, Birkirkara.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs Seacrest Limited (C 46174), ġie differit għas-smigħ għall-20 ta' Marzu, 2018, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri

Illum it-Tnejn, it-12 ta' Marzu, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With court costs and legal interest as demanded against the respondent company as of now summoned so that a reference to its oath be made.

Applicant: Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012), 69, Triq Patri Felician Bilocca, Marsa.

Services: P&J Co. Ltd (C 5153), 'Penmarric', Old Railway Road, Birkirkara.

The Sworn Application in the names Ocean & Sky Logistics Limited (C 35012) vs Seacrest Limited (C 46174) was deferred for hearing to the 20th day of March, 2018, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts

Today Monday, 12th March, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

492

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħti fl-10 ta' Novembru, 2017, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Joseph Micallef (KI 51290M) pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (KI 57062A), Rikors Ġuramentat numru 229/2014 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Micallef (KI 51290M) pro et noe a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Superjuri), fl-ismijiet Joseph Micallef (KI 51290M) pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (KI 57062A) fl-14 ta' Ġunju, 2017, Lesya Micallef née Grinisha (KI 57062A) tesponi bir-rispett:

Illi dan ir-Rikors huwa appell minn deċizjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 25 ta' Mejju, 2017, fl-ismijiet premessi;

Illi permezz ta' Rikors Ġuramentat l-attur ppremetta u talab kif jingħad fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi permezz ta' Risposta Ġuramentata l-intimata eċċepiet kif riprodott fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet premessi l-Qorti laqgħet l-ewwel ħames

Notice is hereby given that by a decree of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), entered on the 10th day of November, 2017, in the records of the Sworn Application in the names Joseph Micallef (ID 51290M) pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (ID 57062A), Sworn Application 229/2014 RGM, it was ordered that service upon Joseph Micallef (ID 51290M) pro et noe be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal filed in the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), in the names Joseph Micallef (ID 51290M) pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (ID 57062A) on the 14th day of June, 2017, Lesya Micallef née Grinisha (ID 57062A) respectfully submitted:

That this Application is an appeal from a decision of the Civil Court (Family Section) entered on the 25th day of May, 2017, in the above-cited names;

That by means of a Sworn Application the plaintiff demanded as stated in the abovementioned Application of Appeal;

That by means of a Sworn Reply the respondent pleaded as reproduced in the said Application of Appeal;

That by means of a judgement of the Civil Court (Family Section) in the above-cited names, the Court upheld the

talbiet attriċi bil-mod indikat fl-istess Rikors tal-Appell, ċaħdet is-sitt talba attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Invista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bejn il-partijiet;

Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jagħti fil-qosor il-fatti tal-każ odjern;

Illi l-esponenti ħassitha aggravata mid-deċizjoni tal-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi tal-25 ta' Mejju, 2017, u dan speċifikament f'dik il-parti fejn laqgħet in parte l-ħames talba tar-rikorrenti … omissis … Illi l-aggravju tal-appellanta huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti: Illi l-appellanta mhix topponi li l-missier ikun fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri, iżda qiegħda tipponi illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri … omissis … jittieħdu esklussivament mill-missier waħdu, u l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tiffissa ġranet u ħinijiet għall-aċċess tal-appellanta mal-minuri … omissis … L-appellanta tixtieq illi d-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, b'mod partikolari dawk ta' natura straordinarja u ta' safar jittieħdu b'mod konġunt bejn l-appellat u l-appellanta. L-appellanta tixtieq ukoll li din l-Onorabbli Qorti tiffissa ġranet u ħinijiet għall-aċċess tagħha mal-minuri … omissis …

Għaldaqstant l-esponenti appellanta filwaqt illi tirreferi għall-Atti tal-kawża, tirriżerva illi tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jidrilha xierqa, li tipproduċi l-provi kollha ammissibbli skont il-Liġi f'dan l-istadju, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li jogħġobha tilqa' l-aggravju tal-appellanta u tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet Joseph Micallef pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (Rikors Ġuramentat 229/2014 RGM) kif ġej: 1) Tikkonfermaha fil-parti fejn laqgħet l-ewwel talba, it-tieni talba, it-tielet talba u r-raba' talba; 2) Tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet is-sitt talba, u 3) Tirrevokaha u tħassarha għal bqija.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat

Appellanti: Lesya Micallef née Grinisha (KI 57062A)
Dolmen Court, Apt. 33, Triq il-Kurazza, San Pawl il-Baħar

Notifiki: Joseph Micallef (KI 51290M) pro et noe, Kirlene, Triq Patri Ġużè Delia, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri

Illum it-Tnejn, it-12 ta' Marzu, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

first five claims of plaintiff in the manner indicated in the abovementioned Application of Appeal, rejected the sixth claim of the plaintiff and rejected the pleas of the defendant. In view of the circumstances of the case, the court costs remain between the parties;

That the abovementioned Application of Appeal gives a summary of the facts of the present case;

That the applicant felt aggrieved by the decision of the Honourable Court in the above-cited names entered on the 25th day of May, 2017, and this specifically by that part where it upheld in part the fifth demand of the applicant … omissis … That the appellant's grievance is clear and manifest and consists in the following: That the appellant does not oppose that the father be entrusted the care and custody of the child, but she is against that all decisions concerning the minor be … omissis … taken exclusively by the father alone, and the fact that the Honourable Court of First Instance declined to set days and times for the appellant to access the minor … omissis … The appellant wishes that all decisions concerning the minor, in particular those of an extraordinary nature and of travel be taken jointly by the appellee and the appellant. The appellant also wishes that this Honourable Court fixes the days and times for her access to the minor … omissis …

Therefore the applicant whilst referring to the Records of the cause, reserves to make all the observations it deems fit, to produce all evidence admissible according to the Law at this stage, prays with respect that this Honourable Court upholds the grievance of the appellant and reforms the judgement under appeal in the names Joseph Micallef pro et noe vs Lesya Micallef née Grinisha (Sworn Application 229/2014 RGM) as follows: 1) Confirm it wherein it upheld the first demand, the second demand, the third demand and the fourth demand; 2) Confirm it wherein it rejected the sixth demand, and 3) Revoke and cancel the rest.

With the costs of both instances against the appellee

Appellant: Lesya Micallef née Grinisha (ID 57062A)
Dolmen Court, Apt. 33, Triq il-Kurazza, St Paul's Bay

Services: Joseph Micallef (ID 51290M) pro et noe, Kirlene, Triq Patri Ġużè Delia, Mosta

Registry of the Superior Courts

Today Monday, 12th March, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

493

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2901/17, fl-ismijiet Jason Camilleri vs Charlton Caruana et, ordnat issegwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat Charlton Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum id-9 ta' Awwissu, 2017

Lil

Charlton Caruana ta' Briffa Flt 4, Triq Lyyda, Ħal Qormi

u

Alison Anne Ellul

Permezz tal-preżenti Jason Camilleri (KI 88576M) ta' 6, Santa Pod Raceway, Triq San Gabriel, Ħal Balzan, Malta, fl-ewwel lok jagħmel riferenza għall-konvenju ffirmat minnkom u li se jiskadi għada għaxra (10) ta' Awwissu, 2017, quddiem in-Nutar David Joseph Borg li permezz tiegħu obbligajtu ruħkom li tixtru u tottjenu l-proprjetà illi tinsab f'Santa Pod, fi Triq San Gabriel, Ħal Balzan, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u kif hemm deskritt fil-konvenju ġja indikat.

Illi fit-tieni lok, *ai fini* u effetti kollha tal-liġi, permezz tal-preżenti, il-mittenti jinfurmakom illi qed jaċċetta l-estensjoni għal perodu ta' xahar mid-data tal-iskadenza tal-istess konvenju u fin-nuqqas illi f'dan it-terminu ma tiġix onorata l-applikazzjoni mill-Bank ikkonċernat, il-mittenti jkun f'pozizzjoni illi jirtira d-depożitu kif imħolli minnkom u ddepożitat għand in-Nutar sovra indikat.

Illi fin-nuqqas illi tottempraw rwieħkom mal-fuq espost intom qed tiġu interpellati sabiex tersqu għall-iffirmar u pubblikazzjonijj tal-att relattiv fit-terminu stipulat.

Illi din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir *ai termini* tal-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16.

Javżakom illi jekk tonqsu milli tottempraw rwieħkom mal-fuq espost se jmexxi kontra tagħkom skont il-ligi.

Tant biex tgħarfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 23rd January, 2018, in the records of the judicial letter number 2901/17 in the names Jason Camilleri vs Charlton Caruana et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Charlton Caruana in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th August, 2017

to

Charlton Caruana of Briffa, Flt 4, Triq Lyyda, Ħal Qormi

and

Alison Anne Ellul

By means of this present Jason Camilleri (ID 88576M) of 6, Santa Pod Raceway, Triq San Gabriel, Ħal Balzan, Malta, firstly makes reference to the promise of sale signed by you which is going to expire tomorrow tenth (10th) August, 2017, in the records of Notary David Joseph Borg by means of which you obliged yourselves to buy and acquire the property that is found in Santa Pod, Triq San Gabriel, Ħal Balzan, free and unencumbered, with all the rights and appurtenances as described in the promise of sale already mentioned.

Secondly, for all the effects and purposes of law, by means of this present, the interpellant informs you that he is accepting the extension of the promise of sale for a period of one month from the expiry date of the promise of sale and if within the said time frame, the relevant bank fails to honour the application, the interpellant would be in a position to withdraw the deposit as made by you and deposited with the aforementioned Notary.

If you fail to comply with the above, you are formally being solicited to appear for the signing and publication of the relevant deed within the stipulated time limit.

This letter is being made in terms of article 1357(2) of Cap. 16.

You are being informed that if you do not comply with the above mentioned he will proceed further against you.

So much so that you will know how to regularise yourselves and how to proceed.

With costs

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Marzu, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 9th March, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

494

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fit-8 ta' Marzu, 2018, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Christopher Caruana (KI 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153), Rikors Ġuramentat numru 65/2018 JZM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' P&J Co. Ltd (C 5153) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Christopher Caruana (KI 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153) fl-24 ta' Jannar, 2018, Christopher Caruana (KI 21378M) talab lil din l-Onorabbli Qorti prevja d-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimata fis-somma ta' €69,635.84 rappreżentanti l-bilanċ rimanenti għal xogħol imwettaq u għall-fornitura ta' materjal lill-konvenuta mir-rikorrenti, skont il-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet;

2. Tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrent s-somma hawn fuq indikata ta' €69,635.84.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba kontra l-intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: Christopher Caruana (KI 21378M), 42, Triq Ħal Bajda, Iż-Żejtun

Notifiki: P&J Co. Ltd (C 5153), L&A Camilleri, St Thomas Street, Ħal Luqa

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Christopher Caruana (KI 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153), ġie differit għas-smigħ għas-27 ta' Marzu, 2018, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri

Illum it-Tnejn, it-12 ta' Marzu, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice is hereby given that by a decree of the First Hall of the Civil Court, entered on the 8th day of March, 2018, in the records of the Sworn Application in the names Christopher Caruana (ID 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153), Sworn Application number 65/2018 JZM, it was ordered that service upon P&J Co. Ltd (C 5153) be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Christopher Caruana (ID 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153) on the 24th day of January, 2018, Christopher Caruana (ID 21378M) asked this Honourable Court, to allow his demands without proceeding to trial in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta and:

1. Declare and hold that the applicant is a creditor of the respondent in the sum of €69,635.84 representing the remaining balance for work performed and for the supply of material to the defendant by the applicant, in accordance with the contract of works existing between the parties;

2. Order the respondent to pay to the applicant the above indicated sum of €69,635.84.

With court costs and interest as demanded against the respondent as of now summoned so that a reference to its oath be made.

Applicant: Christopher Caruana (ID 21378M), 42, Triq Ħal Bajda, Żejtun

Services: P&J Co. Ltd (C 5153), L&A Camilleri, St Thomas Street, Ħal Luqa

The Sworn Application in the names Christopher Caruana (ID 21378M) vs P&J Co. Ltd (C 5153) was deferred for hearing to the 27th day of March, 2018, at 9:00 a.m.

Registry of the Superior Courts

Today Monday, 12th March, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC— *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*